**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 396/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Christian Cutajar**

Illum is-06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Christian Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 608291M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-02 ta' Ottubru 2013 ghal habta tat-23:30hrs gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp;

1. Saq vettura Nru. BGY 072 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) bla kont.

2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura HBM 227 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Pizza Operations LTD;
3. u aktar meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Vassallo, skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri M.D., ta' Mater Dei Hospital.
4. Xjentament jew b traskuragini, zamm, fixkel jew qata' l-moghdija jew ma halliex skaplu ghal moghdija ta' vetturi ohra li kienu qed jaghmlu uzu mit-triq;
5. Naqas li jiehu prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq trqi principali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-05 ta' Ottubru 2018, li wara li rat l-Artikoli tal-ligi, sabet lill-imputat Christian Cutajar hati biss tat-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u kkundannatu ghall-multa ta' tliet mitt ewro (€300) filwaqt li lliberatu mill-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba akkuzi fuq nuqqas ta' provi. Inoltre a bazi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat Christian Cutajar ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal erba mija u sittax-il ewro u hamsin cenetzmu (€416.50) fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christian Cutajar, pprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi miguba fil-konfront tieghu u thassarha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u l-hames imputazzjonijiet u tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost li tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern,

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tat-02 ta' Ottubru 2020, fejn l-appellant irtira l-aggravju minnu mqanqal marbut mal-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu, u cioe' l-aggravvju amrbut mal-hlas tal-ispejjez peritali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta sabitu responsabbli ghas-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex l-uniku verzjoni tal-fatti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienet il-verzjoni dettaljata u konsistenti tieghu, bil-parti leza ma jiftakar xejn dwar id-dinamika tal-incident. Jishaq illi l-incident sehh minhabba s-sewqan eccessiv tal-mutur misjuq mill-parti leza, li wkoll kellu difetti kbar fosthom fis-*shock absorbers* u fit-*tyres* tant illi ma kenux jippermettulu jieqaf fil-hin meta rinfaccjata b'xi ostakolu fit-triq. Illi fl-aghar ipotesi dan huwa kaz klassiku ta' *culpa laevissima* li allura jezonera lis-sewwieq mir-responsabbilta' penali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fattispecje ta' dan il-kaz ma humiex in kontestazzjoni u dan ghaliex jirrizulta illi s-sinistru stradali mertu ta' dan il-kaz sehh meta l-appellant li kien qieghed isuq vann Mercedes Vito bin-numru ta' registrazzjoni BGY 072 kien hiereg minn triq laterali u dejqa hafna u cioe' Triq il-Kamelja il-Hamrun ghal fuq Triq il-Kbira direzzjoni lejn Santa Venera. Il-parti leza li kien qieghed fuq il-lant tax-xoghol f'dak il-hin ta' bil-lejl ghal habta tal-hdax u nofs, kien qieghed isuq mutur tad-ditta Pizza Hut sejjer jaghmel xi konsenji ta' ikel u kien qieghed isuq fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta. Minhabba l-kobor tal-vann u billi kien qieghed jisporgi ghal fuq it-triq principali minn triq laterali dejqa hafna, jidher illi huwa waqaf mal-i*stop sign* u beda hiereg ghal fuq Triq il-Kbira, tant illi hareg kompletament ghal fuq din it-triq u dan wara li jghid li accerta ruhu li ma kienx gej it-traffiku fuq iz-zewg karreggjati taghha. Mir-ritratti esebieti mill-ufficjali tax-xena tar-reat jidher illi l-vann

kien hareg kollu kemm hu ghal fuq Triq il-Kbira lest sabiex jibda jilwi ghal fuq il-karreggjata tat-traffiku direzzjoni lejn Santa Venera meta f'dan il-hin, skond kif ighid l-appellant stess, huwa lemah dawl gej fid-direzzjoni tieghu fuq il-karreggjata il-hazina tat-triq, u waqqaf hesrem f'nofs tat-triq min ghalih li l-mutur li kien gej lejh kien ser jirnexxielu ighaddi mill-ispazju li kien hemm quddiem l-vann. Gara izda illi is-sewwieq tal-mutur, x'aktarx inhasad meta sab il-vann inaspettatament wieqaf quddiemu f'nofs it-triq u ipprova japplika l-brejks izda jidher illi minhabba l-kondizzjonijiet tat-*tyres* u ukoll il-kundizzjoni tat-*tarmac* tat-triq, dan ma sewa ghal xejn ghaliex il-mutur xortawahda baqa' jitkaxkar tant illi jidher illi kif beda joqrob aktar vicin lejn il-vann dan rega' ipprova japplika il-brejks izda tilef il-kontroll tal-mutur u skiddja tant illi l-parti leza tkaxkar fl-art, b'rasu tahbat mal-*mudguard* bejn il-*bumper* u r-rota b-l-*crash helmet* jehel f'din il-posizzjoni u jinqala' minn rasu, bil-mutur ikompli jitkaxkar ghal taht il-*bumper* tal-vann. Il-parti leza sofra griehi gravi f'dan l-incident u ghal xi hin anke kien fil-periklu li jitlef hajjtu.

Issa l-appellant iqieghed l-kawza prossima ta' dan is-sinistru fuq l-ispalla tal-parti leza u dan meta jattribwixxi lil Vassallo n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta jishaq illi li kieku l-mutur ma kienx qieghed jinsaq b'velocita eccessiva u li kieku kien jinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, is-sewwieq kien jirnexxielu jieqaf fil-pront u jippermettielu johrog komodament u tempestivament mit-triq laterali ghal fuq il-*main road.* Il-velocita' eccessiva li bih kien qieghed isuq il-parti leza kien tali illi wassal lill-appellant fl-impossibbilita' li jipprevedi u jipprevjeni l-impatt.

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha strahet fuq il-konkluzjonijet milhuqa mill-espert tekniku nominat fl-*in genere* il-PL Quentin Tanti li fir-rapport tieghu jattribwixxi r-responsabbilta' ghal dan l-incident stradali liz-zewg sewwieqa u dan meta jasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> **"Illi dan l-incident setgha jigi evitat b'aktar attenzjoni u *proper lookout* ta' entrambi s-sewwieqa. Kieku Christian Cutajar ma baqax hiereg bil-van li kien qieghed isuq ghal fuq il-main road u ma mblukkax il-via ta' Anthony Vassallo, l-incident kien jigi**

**evitat jew sahansitra lanqas jikkontempla li jsehh. L-istess jista' jinghad ghal Anthony Vassallo li fl-opinjoni tal-esponent ma kienx qieghed isuq bil-galbu u ma kienx qieghed izomm '*a proper look-out*' – dan ghaliex kieku kien hekk, huwa kien certament jirnexxielu jieqaf, waqt li jibqa' fuq il-karreggata tieghu hekk kif sab l'ostakolu fi trieqtu. Il-fatt illi Anthony Vassallo spicca fuq il-karreggjata l-ohra u kellu impatt konsiderevoli, sfortunatament f'rasu, jmur biex jindika velocita elevata waqt is-sewqan."**

Jibda biex jinghad illi min ikun qieghed jintenta johrog minn fuq *stop sign* fi triq laterali ghal fuq *main road* ghandu responsabbilta akbar u jrid jezercita kawzjoni u prudenza gholja sabiex jara li ma jinvadiex il-*main flow of traffic* li jkun jinsab fuq it-triq ewlenija.

**'min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ inching out, u jassigura li t-triq hi libera'. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha.**

**Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s' intendi juris tantum illi l-main road user, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-side road user ma jippruvax illi l-main road user seta' jigi kwalifikat bhala main road abuser. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-main road user, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-main road user jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni.[1]**

Fl-istess mod fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Anthony Galea deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ġie ritenut is-segwenti:

**Id-driver li jkun diehel minn "side road" ghal go "main road" ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-"main road", li jesplora tajjeb il-"main road" qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi "dead slow", u sahansitra jwaqqaf, biex u ... jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-"main road user" ghandu wkoll joqghod attent fil-"cross roads": imma l-grad ta' dilegenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas. Imma jekk il-provi juru li l-kawza**

---

[1] Gasan Mamo Insurance Limited noe et vs Raymond Vella, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Inferjuri) nhar it-22/06/2005 u ppreseduta mill-Imħallef Philip Sciberras.

> **prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-"side road user", li bl-eghmil tieghu rrenda l-kollizjoni .....[2]**

Illi huwa indubitat allura illi l-grad ta' diligenza li kellu josserva l-appellant kien wiehed akbar meta imqabbel ma' dak tal-parti leza li kien qieghed isuq fid-dritt fi triq principali. Dan aktar u aktar minhabba diversi fatturi u cioe' id-dimensjonijiet kbar tal-vann, il-fatt li dan kien hiereg minn triq laterali ferm dejqa li allura ma kenitx tippermettielu jimmanuvra il-vettura kif ried, u wkoll illi kien hemm vetturi ipparkeggjati fit-triq principali li kienu qed jostakolawlu il-vizwali tat-traffiku qed jinsaq fuq it-triq principali. Maghdud ma' dawn il-fatturi, izda, dak li fil-fehma tal-Qorti kien il-kawza prossima ta' dan is-sinistru kien il-fatt illi l-appellant, hekk kif lemah il-mutur gej fid-direzzjoni tieghu, flok kompla hiereg fi triqtu, waqaf hesrem f'nofs ta' triq biex b'hekk holoq ostakolu insormontabbli ghal mutur li kien gej fuq it-triq principali li ghalkemm pprova iwaqqaf, ma irnexxielux minhabba fatturi ohra li ma humiex madanakollu imputabbli lill-appellant fosthom il-velocita' elevata tal-mutur kombinat mal-kundizzjoni tat-triq u tat-*tyres* tal-mutur. *Cionostante* dawn il-fatturi kontributorji ghal dan is-sinistru stradali ma jistghux jezoneraw ghal kollox lill-appellant mir-responsabbilta' penali.

Illi kif jikkonkludi l-espert Tanti, li kieku l-appellant ma mblukkax it-triq bil-vann tieghu, li kieku l-incident zgur li ma kienx isehh. Fil-fatt mir-ritratti mehuda mill-ufficjali tax-xena tar-reat u l-pjanti immarkati Dokument RM1, RM2 u RM3, jidher car u tond illi l-vann tal-appellant jinsab wieqaf orizzontalment litteralment f'nofs Triq il-Kbira, jimblokka totalment il-karreggjata tat-traffiku fid-direzzjoni lejn il-Belt u parti mill-karreggjata l-ohra direzzjoni lejn Santa Venera, tant illi vettura la jirnexxielha tghaddi minn warajh u lanqas minn quddiemu. Fil-fatt mir-ritratti jidher li r-rota ta' quddiem tan-naha tax-xufier ghadha f'posizzjoni fid-dritt, u mhux qed tibda tikser lejn id-direzzjoni ta' Santa Venera, tant illi l-*crash helmet* tas-sewwieq tal-mutur irnexxielha tehel bejn ir-rota u l-*bumper.* Illi wkoll, fil-fehma tal-

[2] Pulizija vs Anthony Galea, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5/09/1953 u ppreseduta mill-Imħallef William Harding.

Qorti, ghalkemm il-brejk marks tal-mutur jinsabu fuq il-karreggjata l-hazina tat-triq u mhux fuq dik fejn suppost kien qieghed isuq il-mutur ma huwiex wahdu indikattiv illi l-mutur kien qieghed jinsaq fuq in-naha l-hazina tat-triq, izda indikattiv tal-fatt illi l-mutur kif sab il-vann quddiemu qed jostakolalu it-trajjetorja tieghu ipprova jaghmel manuvra evasiva ghafas il-brejk, tilef il-kontroll u spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dawn il-fatti probatorji jemergu fuq kollox mill-iskizz imhejji minn PS830 Chris Debono[3] li wkoll investiga dan l-incident liema skizz juri brejk marks tul ta' 22 metru fuq il-karreggata tat-traffiku fejn kien qed jinsaq il-mutur, li allura jindika l-mument meta Vassallo lemah il-vann ta'l-appellant, imbaghad dawn jieqfu u jergghu jibdew tul ta' 7.2 metri sejrin fid-direzzjoni tal-karreggjata l-opposta ghal quddiem il-vann li allura huwa indikattiv tal-mument li Vassallo rega applika l-brejks hekk kif beda jitlef il-kontroll tal-mutur. Dan ifisser illi l-appellant ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu meta iddecieda jieqaf hesrem f'nofs triq principali hekk kif ra d-dawl tal-mutur gej lejh u assuma li l-mutur kellu ighaddi mill-ispazju li kien hemm quddiem il-vann tieghu biex b'hekk holoq dik l-emergenza subitanea ghas-sewwieqa li kienu fuq it-triq principali u allura ghal parti leza li kellu jaghmel manuvra evasiva biex jevitah, izda ma irnexxielux.

Kif inghad, il-fatt illi l-mutur kien qed jinsaq b'velocita elevata fejn il-kundizzjonijiet tat-triq u tat-*tyres* kkontribwew ghal dan is-sinistru, madanakollu din in-negligenza kontributorja, jerga jinghad, ma tistax tezonera ghal kollox lill-appellant. Fil-fatt jidher illi l-Ewwel Qorti hadet dawn il-fatturi kollha in konsiderazzjoni meta giet biex teroga l-piena fuq l-appellant, li fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda miti u tirrifletti dawn ic-cirkostanzi probatorji. Kwindi l-aggravji mqanqla mill-appellant ma jisthoqqielhomx akkoljiment u qed jigu michuda.

Billi l-appellant irtira l-ahhar aggravju minn imqajjem, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess.

---

[3] Fol.138 tal-process

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur